*- Soprassessjoni -*
*- Miżura Straordinarja f'Ċirkostanzi Eċċezzjonali -*
*- Id-Dewmien Konsegwenzjali jrid ikun Ġustifikat min-Neċessita' Inevitabbli -*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAD-9 TA' LULJU 2019

**Rikors Guramentat 775/2014 RGM**

**Cassar Fuel Limited**

**Vs**

**MV Madra**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu, gharagunijiet hemm premessi, qed titlob illi din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza rikors nru 902/2014 MCH "Cassar Fuel Ltd vs Awtorita' tat-Trasport f'Malta" pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-bastiment konvenut ipprezentata fit-18 ta' Gunju 2019 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm premessi qed jopponu ghar-rikors imsemmi.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Fit-12 ta' Frar 2019 is-socjeta' attrici kienet ipprezentat rikors li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tordna l-kjamat in kawza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Dak ir-rikors kien gie michud b'digriet moghti fis-26 ta' April 2019 ghar-ragunijiet hemm moghtija fosthom illi kontra l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta is-socjeta' attrici kellha kawza ghad-danni (nru 902/14MCH) liema kawza kienet giet deciza fl-20 ta' Gunju 2017 b'ezitu sfavorevoli ghas-socjeta' attrici li minnha kienet intavolat appell li jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Bis-sentenza imsemmija tal-20 ta' Gunju 2017 gie dikjarat illi l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma kenitx responsabbli ghad-danni versu s-socjeta' attrici minhabba li l-bastiment, konvenut fil-kawza odjerna, harab mill-gurisdizzjoni Maltija nonostante li kien inhareg u ezegwit fuq il-vapur mandat ta' qbid kawtelatorju;

Bir-rikors taghha tal-10 ta' Gunjui 2019 is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tissoprassjedi pendenti l-ezitu tal-appell mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Gunju 2017 fl-ismijiet "Cassar Fuel Limited vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta".

Ghal precizzjoni il-Qorti tosserva illi ghalkemm fir-risposta taghhom il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-bastiment konvenut issottomettew illi kien ghad jonqos li jsiru in-notifiki tal-kjamati in kawza Madra Marine Co Limited, Jupiter Shipping and Trading Limited u l-kaptan Aoi Yilmaz, jirrizulta mill-atti illi b'digriet moghti fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2019, fuq talba tal-Avukat difensur tal-

istess socjeta' attrici, it-tlett kjamati in kawza imsemmija gew estromessi minn dawn il-proceduri.

Dwar it-talba ghas-soprassessjoni il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa' talba ghall-soprasessjoni meta hu espedjenti li taghmel hekk" (Vol.39 p. 1. P 467 **Galea vs Galea** u Appell Civili **Cassar vs Xuereb** 12.3.1973) ["**Angelo Mallia et vs David Mallia et**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2004]. "Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja" (Vol. XLI. p1. P.507). "Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura indikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni" ["**Joseph Azzopardi et vs Victor Critien pro et noe"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 1962].

Aktar recenti l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet "**Annetto Farrugia vs Avukat Generali et**" irrevokat digriet ta' soprassessjoni moghti mill-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u rriteniet illi "fil-fehma ta' din il-Qorti, irid jiġi ppruvat ukoll li t-tkomplija tal-istess smiegħ tkun sejra tikkaġuna preġudizzju li ma jistax jissewwa lil min jitlob ir-rimedju straordinarju tas-soprassessjoni." Intqal ukoll illi: "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza" **Joseph Degaetano noe v. Avukat Louis Galea et noe,** - Appell Civili - deciza 5 ta' Ottubru 1981 iccitata b'approvazzjoni f'sentenza fl-ismijiet **Bartolo & Kyle Limited vs Rodnei Catania** moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' April 2018.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li l-Qorti trid tikkonsidra huwa jekk il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell jolqtux il-prosegwiment tal-kawza odjerna tant illi jinnecessitaw li din il-Qorti fil-kawza odjerna tifriza l-andament tal-kawza sabiex tistenna l-ezitu tal-appell mis-sentenza li kienet ezonerat lill-Awtorirta' tat-Trasport ta' Malta mit-talba ghad-danni maghmula kontra taghha mill-istess socjeta' li ppromoviet il-kawza odjerna. Is-soprassessjoni hija mizura straordinajra f'cirkostanzi eccezzjonali li min-natura intrinsika taghha ghandha l-effett, allavolja mhux mixtieq, li ttawwal il-proceduri li jigu sospizi. Ir-riga dwar jekk is-soprassessjoni fit-trattazzjoni ta' kawza hiex mehtiega jew le jiddependi minn kemm il-Qorti li tigi rinfaccjata b'talba simili hiex tal-fehma illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja tigi effettwata negattivament jekk qabel tiddeciedi l-kawza li ghandha quddiemha ma jkunx qabel xejn deciz il-mertu tal-kawza l-ohra.

Il-kawza odjerna hija semplicement kawza ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu fejn l-ewwel talba hi sabiex il-Qorti tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12. Din odjerna mhiex kawza ghad-danni imma kawza sabiex il-vapur jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €133,717.80 allegatament rapprezentanti prezz ta' fuel mibjugh u supplit lill-bastiment konvenut. L-ezitu tal-appell fuq imsemmi dwar kawza kontra l-Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta bl-ebda mod ma jista' jkollu effett fuq il-mertu tal-kawza odjerna.

Huwa evidenti illi l-kawza odjerna hija wahda semplicement ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu. Harabx jew le l-vapur mill-gurisdizzjoni Maltija bl-ebda mod m'ghandu rilevanza ghad-decizzjoni eventwali dwar jekk giex suplit fuel lill-bastiment u f'kaz affermattiv il-quantum tal-prezz li jrid jithallas. Il-Qorti tosserva illi hija xi ftit inspjegabbli kif prima facie donnu jidher illi s-socjeta' attrici qeghda taghmel minn kollox sabiex ma tottjeniex sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu f'kawza li ilha pendenti sa mis-sena 2014 minghajr prattikament l-ebda progress.

Il-Qorti tqis ir-rikors in dizamina bhala tentativ da parti tas-socjeta' attrici sabiex tiprolunga inutilment dawn il-proceduri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Gunju 2019 bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-obbjezzjonijiet imressqa mill-kuraturi deputati ghall-bastiment konvenut.

2. Tichad ir-rikors tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Gunju 2019.

Bl-ispejjez ta' dan l-episodju kontra s-socjeta' attrici.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imhallef**